

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 385/2010

tal-5 ta' Mejju 2010

li jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità stabbiliti taħt il-GATT għal ċerti frott u ħxejjex u frott ipproċessat u prodotti veġetali mill-1996

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 148 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/96 ⁽²⁾ fetax il-kwoti tat-tariffi għal ċerti frott u ħxejjex u frott ipproċessat u prodotti veġetali mniżżlin fl-Annessi tiegħu, u pprova għall-amministrazzjoni ta' dawk il-kwoti tat-tariffi.
- (2) Sa minn meta ġie adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/96 'l hawn, diversi kodiċi tan-NM mniżżlin fl-Annessi oriġinali nri I, II u III għal dak ir-Regolament inbidlu. Għalhekk, dawk l-Annessi nbidlu bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 973/2006 ⁽³⁾.

(3) Madanakollu, deher li fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1831/96, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 973/2006, il-kodiċi tan-NM bin-numru 2009 80 34 huwa nieqes u li huwa xieraq li jiddaħħal.

(4) Għalhekk, jeħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1831/96, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 973/2006, jiġi kkorreġut kif xieraq.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/96, għall-ordni bin-numru 09.0093, fil-kolonna msejja "Il-kodiċi tan-NM – is-subintestatura tat-Taric" għandu jiddaħħal il-kodiċi tan-NM bin-numru "2009 80 34".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-3 ta' Lulju 2006 'l quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 243, 24.9.1996, p. 5.

⁽³⁾ ĠU L 176, 30.6.2006, p. 63.